MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 520/2011

**Ian Sammut**

**(I.D. 279795 M)**

**vs**

**Vincent Farrugia (I.D. 679652 M),**

**Kernel Limited (C – 43609), u ghal**

**kull interess li jista` jkollhom**

**Chris Busuttil, Marc Paul Galea, u**

**Richard Galea**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi fl-2009, ir-rikorrenti kien avvicinat mill-intimat Marc Paul Galea biex jahdem bhala *Marketing Manager* mas-socjeta` intimata Kernell Limited ta’ 17, *Market Street,* Floriana;

1.2. Illi l-imsemmi avvicinament riferit fil-paragrafu precedenti kien konkretizzat bi proposta skritta mibghuta lir-rikorrenti fis-26 ta’ Frar, 2009, (ara foll 6);

1.3. Illi sussegwentement l-istess rikorrenti kien iltaqgha mad-Diretturi tas-socjeta` Kernel Limited l-intimati Marc Paul Galea, Christopher Busuttil u Vincent Farrugia fejn:

1.3.1. Spjegaw il-progett lir-rikorrenti;

1.3.2. Giet negozjata l-offerta tad-diretturi intimati lir-rikorrenti;

1.3.3. Gie deciz li l-istess rikorrenti jinvesti xi flus biex isir azzjonist u direttur fl-istess socjeta` in dizamina;

1.4. Illi kien miftiehem li r-rikorrenti kellu jinnegozja l-posizzjoni tieghu fir-rigward ma' Christopher Busuttil bhala rapprezentant ta' l-intimati;

1.5. Illi n-negozjati indikati fil-paragrafu precedenti gew konkluzi fil-25 ta' Marzu, 2009, fejn giet stabbilita skeda bl-ismijiet u bin-numru ta' ishma li kellhom jinghataw lir-rikorrenti wara li jeffettwa l-hlas minnu dovut, (ara foll 12);

1.6. Illi fil-15 t'April, 2009, l-intimati Marc Galea u Chris Busuttil ircevew is-somma ta' tmintax -il elf, erba` mija u wiehed Ewro, (€18,401.00), (ara foll 14);

1.7. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti kienet ekwivalenti ghal erbat elef, mitejn u tlieta u tletin, (4,233), azzjoni fis-socjeta` intimata fuq indikata liema ishma kellhom jigu trasferiti skont ix-*share transfer* agreement, (ara foll 12);

1.8. Illi *nonostante* l-imsemmi ftehim, l-imsemmi *share transfer* qatt ma gie registrat mill-intimati ma' l-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, komunement maghrufa bhala MFSA;

1.9. Illi minflok, jidher li s-somma indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.)), tqassmet f'erba` (4) partijiet ugwali mghoddija lid-diretturi intimati fuq indikati;

1.10. Illi l-ghada li kien effettwat il-hlas *de quo* mir-rikorrenti, dan gie infurmat li l-intimat Vincent Farrugia kellu xi problema dwar kif kienu saru l-hlasijiet;

1.11. Illi l-erba` (4) diretturi in dizamina kienu qabblu li jirritornaw is-somma involuta lir-rikorrenti biex ikun jista` jerga jigi rinegozjat il-pakkett *de quo*;

1.12. Illi pero` jirrizulta li l-intimat Vincent Farrugia qatt ma rritorna l-parti li hu kellu f'idejh, senjatament erbat elef u sitt mitt Ewro, (€4,600.00);

1.13. Illi *nonostante* diversi tentattivi biex tinstab soluzzjoni l-intimat Vincent Farrugia baqa` joggezzjona ghal dan il-ftehim;

1.14. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet biex l-ammont t'erbat elef u sitt mitt Ewro, (€4,600.00), jigu ritornati lir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.15. Illi konsegwentement ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara li l-intimati huma solidarjament debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' erbat elef u sitt mitt Ewro, (€4,600.00), li baqghu ghand l-intimat Vincent Farrugia;

1.15.2. Tordna li l-istess intimati jirrifondu is-somma indikata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal xiri t'ishma fis-socjeta` intimata Kernell Limited, liema transazzjoni qatt ma giet konkluza minhabba l-agir ta' l-intimati u liema ammont qatt ma gie rifuz;

1.15.3. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-agir taghhom;

1.15.4. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mir-rikorrenti;

1.15.5. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat;

1.15.6. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-16 t’Awwissu, 2011, li permezz taghha l-intimati Vincent Farrugia u Kernel Limited sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu null *stante* li ma fihx dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba, senjatament:

2.1.1. Il-kawzali li fuqha jistrieh ir-rikorrenti biex jitlob il-hlas ta’ l-ammont minnhu indikat mhux car;

2.1.2. Id-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti m’humiex cari;

2.2. Illi s-socjeta` intimata mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li ma rceviet l-ebda flus minghand ir-rikorrenti;

2.3. Illi r-rikorrenti ma jistax jitlob rifuzjoni ta’ dak minnu mhallas la darba l-ishma ghadhom assenjati favur tieghu u ma intalabx it-thassir ta’ l-istess;

2.4. Illi s-somma imhallsa mir-rikorrenti lill-intimat Vincent Farrugia m’ghandiex tigi rifuza *stante* li din thallset biex ir-rikorrenti jakkwista parti mill-kapital azzjonarju tas-socjeta` intimata;

2.5. Illi wara li ttiehdet ir-rizoluzzjoni straordinarja biex jizdied il-kapital socjetarju *de quo* u thallsu l-flus, ir-rikorrenti biddel il-hsieb tieghu u r-rizoluzzjoni giet imhassra illegalment u minghajr il-kunsens ta’ l-intimat Vincent Farrugia, (ara foll 13);

2.6. Illi l-intimat Vincent Farrugia qatt ma ta il-kunsens tieghu ghat-thassir tar-rizoluzzjoni *de quo*;

2.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li tali thassir seta` jsehh u li allura jiehu wkoll flusu lura;

2.8. Illi l-intimati in dizamina ma kkagunawx danni lir-rikorrenti;

2.9. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.11. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-18 t'Awissu 2011, li permezz taghha l-intimati l-ohra Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi l-intimati odjerni hawn indikati ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li gia` irrifondew lir-rikorrenti s-somma avvanzata lilhom;

3.3. Illi r-rimbors *de quo* kien effettwat mill-intimati in dizamina wara li t-transazzjoni tentata bejn il-kontendenti ma sehhitx ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat Vincent Farrugia;

3.4. Illi ghalhekk m'hemmx solidarjeta` bejn l-intimati involuti f'din il-procedura;

3.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-istess bil-modalita` u fit-termini hemm indikati;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-29 ta' Jannar, 2015, (ara foll 201), flimkien ma dik ta' l-intimati

Vincent Farrugia u tas-socjeta` intimata fuq indikata datata is-6 ta' Marzu, 2015, (ara foll 208);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

8. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat it-12 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu ddikjara li *stante* li r-rikorrenti gie rifuz l-ammont mertu tal-kawza, m'ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront ta' l-intimati Chris Busuttil, Mark Paul Galea u Richard Galea (ara foll 211);

9. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi preliminarjament tindirizza s-segwenti:

10.1. In-nullita` tar-rikors guramentat promotur sollevat mill-intimati Farrugia u s-socjeta` Kernel Limited;

10.2. It-talba tas-socjeta` intimata biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

10.3. Il-procedura fil-konfront ta’ l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea;

Ikkunsidrat:

11.0. **In-nullita` tar-Rikors Guramentat Promotur**:

11.1. Illi l-bazi ta’ din it-talba preliminari ta’ l-intimati Farrugia u Kernel Limited hi l-allegat nuqqas ta’ dikjarazzjoni da parti tar-rikorrenti li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba, (ara foll 37);

11.2 Illi r-rizoluzzjoni ta’ l-istess ilment jinsab fit-**Titlu II** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta intitolat **Fuq il-Procediment b’ Rikors Guramentat** li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

11.2.1. Illi l-procediment introdott permezz ta’ rikors guramentat “... jitqies li huwa kawza”, (ara artiklu 154(1) ta’ l-imsemmi Kap;

11.2.2. Illi tali rikors jitqies b’dan il-mod li jilhaq din il-kwalita` ta’ kawza meta tintervjeni l-qorti li “...tohrog jew taghti ordni lill-parti biex tidher quddiemha fil-jum u fil-hin stabbilit sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tigi milqugha t-talba migjuba fir-rikors guramentat”, (ara artiklu 154(1)) tal-istess Kap;

11.3. Illi l-istess Kap 16 jistabbilixxi l-komposizzjoni ta’ l-istess rikors guramentat (ara artiklu 156 tal-Kap 16 *de*

*quo*, li bih tigi introdotta l-procedura gudizzjarja hekk inizzjata u li fih innifsu jikkonsisti, fost affarijiet ohra:

11.3.1. F'dikjarazzjoni li tispjega b'mod car l-oggett tal-kawza;

11.3.2. Tali dikjarazzjoni tigi esposta f'paragrafi enumerati separatament;

11.3.3. Ir-rikorrenti ghandu jiddikjara liema fatti minnhu esposti jaf personalment;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-emenda procedurali li tirrisolvi l-vertenza in dizamina kienet giet esplicitament introdotta bl-iskop preciz li tisnella l-procedura skritta precedentement involuta fl-atti tac-citazzjoni li bih qabel kienet tigi introdotta tali procedura u li fiha kien tassattivament rikjest li jkollha maghha dikjarazzjoni guramentata li hafna drabi, kienet biss ripetizzjoni inutili ta' l-istess;

13. Illi biex tigi snellata l-procedura skritta fir-rigward kien gie deciz li l-procedura permezz tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni maghha annessa tigi sostitwita b'dokument wiehed – ir-rikors guramentat – li fih nnifsu llum hu statutorjament meqjus li jikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-fatti biex b'hekk jilhaq il-finijiet fuq deskritti, (ara paragrafu hdax punt tlieta, (11.3.), aktar qabel), fost affarijiet ohra;

14. Illi ghalhekk, ir-risposta ta' l-intimati Farrugia u Kernel Limited tirrizulta li hi ghal kollox irizorja u qeghda ghalhekk tigi respinta *stante* li l-istess rikors guramentat promotur hu llum minnhu nnifsu meqjus bhala dikjarazzjoni fuq il-fatti kif maghrufa mir-rikorrenti li jigguramenthom;

15. Illi *di piu`*, ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li r-rikors guramentat promotur li effettivament ta` bidu ghall-procedura odjerna jissodisfa il-precett statutorjament stabbilit u fuq riferit li jfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u li *di piu`*, jaghmel dan ukoll f'paragrafi enumerati separatament kif hemm ukoll stabbilit, (ara fol 1);

16. Illi konsegwentement, tirrespingi din ir-risposta preliminari ta' l-intimati Farrugia u Kernel Limited;

Ikkunsidrat:

17.0. **It-talba tas-socjeta` intimata biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju:**

17.1. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1.1. Illi l-ammont ta' flus originarjament moghti mir-rikorrenti lill-intimati kien bl-iskop li jixtri ishma fl-istess socjeta` intimata;

17.1.2. Illi *nonostante* dan l-iskop jirrizulta li effettivament l-ammont involut kien gie moghti mir-rikorrenti lid-diretturi tas-socjeta` intimata f'dokument intestat b'isem l-istess socjeta` u

li fih id-diretturi firmatarji kienu qed jagixxu biss f'isem l-istess socjeta`, (ara foll 12 *et sequitur*);

17.1.3. Illi pero` l-istess zvilupp azzjonarju ma jirrizultax li gie rifless fil-*Memorandum and Articles of Association* ta' l-istess socjeta` (ara foll 69 *et sequitur*);

17.1.4. Illi sussegwentement, l-intimati Chris Busuttil, Richard Galea u Marc Paul Galea irritornaw il-porzjon assenjat lilhom lir-rikorrenti;

17.1.5. Illi kien biss l-intimat Farrugia li "... ma riedx jirritorna l-flus" involuti, (ara foll 48);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li ghalkemm l-iskop tal-pagament effettwat mir-rikorrenti kien wiehed li kien indirizzat favur is-socjeta` intimata, jirrizulta abbundantement assodat li:

18.1. Il-flus investiti mir-rikorrenti qatt m'ghaddew ghand is-socjeta` intimata u ghalhekk qatt ma kienu taht il-kontroll operattiv taghha;

18.2. Illi *di piu`*, l-istess somma hekk investita mir-rikorrenti qatt ma giet rikonoxxuta formalment fid-dokumentazzjoni ufficjali ta' l-istess socjeta` intimata u wisq inqas kienet rikonoxxuta mill-Awtorita` Tas-

Servizzi Finanzjarji ta’ Malta *stante* li l-akkordju temporanjament milhuq mill-kontendenti fuq l-influss finanzjarju tar-rikorrenti qatt ma wasal biex ikun rifless fil-*Memorandum and Articles of Association* ta’ l-imsemmija socjeta`;

18.3. Illi *di piu*`, jirrizulta pacifiku li l-ghada tal-iffirmar tal-ftehim in dizamina, (ara foll 12), l-intimati Busuttil, M.P. Galea u R. Galea ilkoll irritornaw lir-rikorrenti l-ammont minnhom rikavat mit-transazzjoni in dizamina;

18.4. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, takkolji din ir-risposta u ghalhekk tillibera lis-socjeta` intimata Kernel Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

19.0. **Il-Procedura odjerna kif indirizzata fil-konfront ta’ l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea**:

19.1. Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1.1. Illi l-istess abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti ddikjara li *stante* li r-rikorrenti kien rifuz l-ammont meritu tal-kawza minn kull wiehed mill-imsemmija intimati, allura ma kellu l-ebda pretensjoni fil-konfront taghhom, (ara foll 211);

19.1.2. Illi *di piu`*, l-istess hu oggettivament ikkonfermat mix-xhieda ta' l-istess rikorrenti, (ara foll 48, 51 u 150);

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-intimati hawn indirizzati huma estranei ghall-vertenza in dizamina *stante* li meta rrealizzaw li kien hemm xi dizgwid fl-operat in dizamina mill-ewwel intervenew u rritornaw is-sehem taghhom mill-ammont lilhom moghti mir-rikorrenti;

21. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, takkolji din ir-risposta ta' l-intimati Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi epurat is-suespost jibqa` pendenti is-segwenti:

22.1. Il-mertu veru u propju tal-vertenza, issa limitata ghar- relazzjoni bejn ir-rikorrenti Ian Sammut u l-intimat Vincent Farrugia;

22.2. Id-danni rikjamati mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23.0. **Il-Mertu tal-Vertenza**:

23.1. Illi jirrizulta pacifiku kif fuq gia` stabbilit li r-rikorrenti ghadda s-somma ta' tmintax -il elf, erba` mija u wiehed Ewro, (€18,401.00), lill-kontendenti intimati persuni fizici fuq indikati bil-ghan li jsir direttur fis-socjeta` intimata;

23.2. Illi l-iskop ghal tali investiment qatt ma avvera ruhhu u l-intimati fuq gia` indikati mill-ewwel irritornaw is-sehem minnhom percepit lir-rikorrenti bl-eccezzjoni ta' l-intimat Vincent Farrugia li baqa` jopponi ghal dan ad oltranza;

23.3. Illi l-investiment hekk maghmul mir-rikorrenti qatt m'ghadda favur is-socjeta` intimata;

23.4. Illi kien biss l-intimat Vincent Farrugia li *nonostante* li l-investiment fis-socjeta` intimata falla, hu zamm u ghadda ghalih is-sehem minnu percepit mis-somma investita mir-rikorrenti;

23.5. Illi *stante* tali falliment, l-istess intimat Farrugia kien obbligat, bhall-intimati l-ohra, li jirrifondi l-ammont lilu moghti mir-rikorrent;

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu, ir-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

25.0. **Id-danni rikjamati mir-rikorrenti**:

25.1. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti naqas milli jindirizza dan il-kap *stante* li ezami ta' l-evidenza prodotta ma jitfhu l-ebda dawl fir-rigward;

25.2. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas li jipprova l-allegazzjoni tieghu fir-rigward;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tas-suespost:

**DECIDE:**

26.1. Tirrespingi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti (ara paragrafu numru wiehed punt hmistax punt wiehed, (1.15.1.), aktar qabel);

26.2. Tiddikjara lill-intimat Vincent Farrugia unikament responsabbli biex jirrifondi s-somma ta' erbat elef u sitt mitt Ewro, (€4,600.00), lir-rikorrenti Ian Sammut;

26.3. Tirrespingi t-tielet (3) talbiet tar-rikorrenti (ara paragrafu numru wiehed punt hmistax punt tlieta, (1.15.3.), paragrafu numru wiehed punt hmistax punt erbgha, (1.15.4.), u paragrafu numru wiehed punt hmistax punt hamsa, (1.15.5), aktar qabel);

26.4. Tikkundanna lill-intimat Vincent Farrugia biex ihallas l-ammont t'erbat elef u sitt mitt Ewro, (€4,600.00), lir-rikorrenti Ian Sammut bl-imghax legali dovuti skont il-ligi mit-30 ta' Mejju, 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament;

26.5. Tillibera lill-intimati Kernel Limited, Chris Busuttil, Marc Paul Galea u Richard Galea mill-osservanza tal-gudizzju;

26.6. Tikkundanna wkoll lill-intimat Vincent Farrugia biex ihallas l-ispejjez kollha relattivi ghal din il-procedura *stante* li jirrizulta assodat li kien hu s-sors ewlieni li minhabba fih giet inoltrata din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------